MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 154/2009

Diane Chircop
vs
Angelo Cassar

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta’ Diane Chircop li bih esponiet:

1. Premess illi fit-18 ta’ Gunju 2007 ghall-habta tas-6.50 a.m. fi Pjazza San Luqa, Pieta` quddiem il-*Medical Stores*, l-attrici sfat imtajra u korruta minn vettura tal-marka Peugeot 205 bin-numru ta’ registrazzjoni EAU701 li kienet misjuqa mill-konvenut Angelo Cassar;

2. Premess illi il-konvenut huwa unikament responsabbli ghal dan l-incident peress illi dan l-incident sehh unikament tort u htija tal-konvenut, minhabba

negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sewqan da parti tieghu;

3. Premess illi dan huwa ikkonfermat fir-*road accident report* stess (anness mar-rikors u immarkat Dok DC1) fejn il-konvenut fl-istqarrija tieghu lill-pulizija jghid "jien kont gej biex indur ghal quddiem l-isptar, waqghatli l-gamra tas-sigarett, sakemm mort innehhi l-garnra, bqajt diehel fuq din il-mara".

4. Premess illi l-attrici sofriet griehi gravi fuq il-persuna taghha bhala rizultat tal-fuq imsemmi incident, kif jidher mir-rapport li sar mill-Ufficjali tal-Pulizija ta' l-ghassa tal-Hamrun (distrett *7)* (Dok DC1) kif ukoll mir-rapport mediku li sar mit-Tabib ta' l-Isptar San Luqa (Dok DC2) u kellha bzonn ta' kura medika minhabba dawn l-istess griehi li sofriet.

5. Premess illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici sofriet danni konsistenti fi spejjez ta' kuri mehtiega, danni derivanti minn dizabilita` permanenti (Dok DC3) u danni materjali ohra kif jigi ippruvat tul is-smigh tal-kawza;

6. Premess ukoll illi l-attrici li tahdem bhala *nurse* fl-istess sptar, kellha tbiddel in-natura tax-xoghol taghha u dan peress li bhala konsegwenza ta' l-incident hija ma baqghetx tista' tqandel certu pizijiet kif kienet taghmel qabel l-incident.

7. Premess illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni u jhallas l-istess danni kawzati, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 26 ta' Settembru 2007 (Dok DC4) huwa baqa' inadempjenti.

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

a) Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, f'liema sfat midruba l-attrici u dan minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sewqan da parti talkonvenut u tad-danni sofferti mill-attrici bhala konsegwenza ta' l-istess.

b) Tillikwida l-istess danni okkorendo b'opera ta' periti nominandi;

c) Tikkundanna lill-konvenut ihallas dawn id-danni kif likwidati lill-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta' Settembru 2007 li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Illi mir-*road accident report* jirrizulta li sar l-incident fit-18 ta' Gunju 2007 fis-6.50 a.m. fi Pjazza San Luqa, Pieta`, u li kienet involuta l-vettura Peugeot, li l-proprjetarju taghha bhala sid huwa Raymond Briffa waqt li s-sewwieq kien Angelo Cassar, *I.D. Card* 0263768(M).

Irrizulta li l-vittma kienet Diane Chircop minn Haz-Zabbar li sofriet griehi gravi certifikati minn Dr. Charlene Fenech. Jissemma kif kien hemm zewg nisa mexjin fil-gemb tat-triq fid-direzzjoni ta' l-Isptar San Luqa meta f'salt giet vettura EAU701 minn warajhom u laqtet wahda minnhom, u cioe` Diane Chircop, fejn dan qal li waqt li kien qed isuq waqghetlu gamra tas-sigarett u spicca biex laqat lil din il-mara.

Din il-mara kienet ezmainata minn Dr. Massimo Abela u mir-radjografiji irrizulta frattura ta' l-L5 *vertebra*, spiccat li kellha bzonn *hyper extension brace* ghal tliet xhur. Infatti irritornat lura ghax-xoghol fil-21 ta' Settembru 2007 izda kellha tbiddel in-natura tax-xoghol minhabba li ma

setghetx tqandel pazjenti. Issemma fir-rapport li kienet qed tbati minn *bi-lateral intermittant lower limb numbness mainly while sitting*. Kawza ta' dan kollu r-rikorrenti sejra tkompli thoss l-ugigh fil-*lower back* b'dizabilita` permanenti ta' 4%.

Giet esebita kopja ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Settembru 2007 mibghta lir-rikorrenti lill-intimat u ikkupjata lil Elmo Insurance Agency Limited (a fol 14).

Gie prezentat affidavit ta' <u>Diane Chircop</u> fejn din semmiet meta sar l-incident waqt li kienet miexja ma' kollega taghha Doris Aquilina fil-gemb tat-triq meta f'daqqa wahda hasset daqqa qawwija f'dahrha u spiccat ma' l-art b'karozza warajha. Is-sewwieq kien l-intimat u skuza ruhu u semma li kien qieghed ipejjep u waqghetlu gamra f'hogru. Ma setghetx timxi minhabba l-ugigh enormi u kellha tmur l-isptar b'ambulanza. Fl-isptar irrizulta frattura ta' l-L5 u damet l-isptar ghal tlett ijiem, intbaghtet id-dar b'ordni li tilbes *corset* specjali ghal tliet xhur. Kellha tiehu *sick leave* ghal tliet xhur u kellha mobilita` limitata. Setghet tnehhi l-kurpett biss meta tkun fis-sodda u biex tiehu shower kellha bzonn siggu specjali ghax setghet taghmel dan biss bil-qieghda. La setghet issuq u anqas tuza t-trasport pubbliku. Wara tliet xhur kienet fieqet izda mhux li terfa' pazjenti u kellha tispicca fir-*renal unit* fejn il-paga kienet anke anqas u anke ma baqghetx tahdem ta' bil-lejl. Kellha anke tmur ghand fizjoterapista u tiehu *pain killers* u Mr. Abela ikkonkluda li kellha dizabilita` ta' 4%, apparti effetti psikologici. Spiccat biex kellha tahdem bhala *staff nurse* fil-*geriatric nursing home*.

Irrizulta li l-intimat huwa kontumaci, ghalkemm naturalment kontumacja hija oppozizzjoni (Ara **Edwin Bonello vs Anne Jenkins gja Zarb**, deciza mill-Prim'Awla [Imhallef J. R. Micallef] fis-7 ta' Dicembru 2000 – Vol L-XXXIV-III-234).

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>C1. Lucrum cessans:</u>***

L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

“Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta’ qligh li tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.”

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta’ qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta’ paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta’ qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat jkun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta’ l-eghmil dirett tad-danneggjant.

***C2. Multiplier***

Fis-sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta’ Mejju, 2005. fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru: 154/02FS inghad:

“Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta’ Dicembru, 1967. F’dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta` tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:

"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn

mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:
"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'multiplier' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'*multiplier*' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '**Buttler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala '*lucrum cessans*' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta’ 5 snin fil-kaz ta’ persuna ta’ 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta’ 15 fil-kaz ta’ persuna ta’ 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta’ 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta’ 18 fuq persuna ta’ 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta’ 18 fil-kaz ta’ persuna ta’ 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta’ 25 fil-kaz ta’ persuna ta’ 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta’ 26 fil-kaz ta’ persuna ta’ 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta’ 35 fil-kaz ta’ persuna ta’ 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta’ 36 fil-kaz ta’ persuna ta’ 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta’ *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta’ *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta’ certu uniformita` f’dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta’ *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta’ utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 40 |
| 16 - 20 | 37 |
| 21 - 25 | 35 |
| 26 - 30 | 30 |

| | |
|---|---|
| 31 - 35 | 25 |
| 36 - 40 | 20 |
| 41 - 45 | 15 |
| 46 - 50 | 13 |
| 51 - 55 | 11 |
| 56 + | 5 jew anqas |

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 24 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta' 35 ghall-kaz in ezami.

***C3. Paga u gholi tal-hajja***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna r-rikorrenti li kienet qed taqla' salarju *gross average* ta' €15,892 fis-sena. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'€4.65 fil-gimgha kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied b'€242 ghal 35 sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju prezenti (€15,892) u dak ta' l-ahhar salarju fil-futur (€8470 + €15,892 = €24,362) ossia €15,892 + €24,362 /2 = €20,127]. Dan oltre l-awment ta' l-gholi tal-hajja li spiss jissupera ferm aktar l-awment tal-paga.

***C4. Dizabilita`***

Mir-rapport mediku ta' Mr. Massimo Abela [a fol 9 *et* tal-process] jirrizulta li d-dizabilita` prezenti tar-rikorrenti hija ta' 4%.

***C5. Lump Sum Payment***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-***lump sum payment*** b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:

"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-***lump sum deduction***" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003. "

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in ezami din ma tantx hi problema ghax l-incident gara fit-18 ta' Gunju 2007 u s-sentenza qed tinghata sentejn wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 18%.

***C6. Kunsiderazzjonijiet ohra***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-*dependency issue* ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***C7. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qligh medju annwali tar-rikorrenti inkluz l-gholi tal-hajja tammonta ghal €20,127;

II. Irid jitqies ***multiplier*** ta' 35. Dan igib l-ammont ta' €704,445;

III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 4% u ghalhekk jammonta ghal ossia €28,177.8;

IV. wara jrid jitnaqqas 18% tal-lump sum payment u dan iwassal ghal €23,105.79;

***C8. Damnum emergens:***

Kawza ta' l-incident ir-rikorrenti baqghet barra mix-xoghol mit-18 ta' Gunju 2007 ghal tliet xhur. Fin-nota ta' l-

osservazzjonijiet tar-rikorrenti gie allegat tnaqqis ta' cirka €218 kawza li r-rikorrenti ma hadmitx *overtime*. Kien hemm ukoll ricevuti ta' Mr. Massimo Abela (Dokument DC2 a fol 20), fl-ammonti ta' €80 u €35. Ir-rikorrenti kellha tixtri siggu specjali ghall-kamra tal-banju biex kellha tiehu *shower*, u dan jiswa €75. L-ammont kollu ta' *damnum emergens* ghalhekk jammonta ghal €408. Huwa veru li ma hemmx ricevuti ta' l-ammont ta' €75 u naturalment ma jistax ikun hemm ta' dak li ma dahlitx ta' *overtime*, izda fl-affidavit ir-rikorrenti semmiet li ma setghetx tahdem ghal tliet xhur u li kellha tixtri siggu specjali. Fil-fehma tal-Qorti l-ammonti huma gustifikati.

Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel"* billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---:|
| Basic pay | B | 15892 |
| Multiplier | M | 35 |
| Lump sum payment | L | 18 |
| Dizabilita` | D | 4% |
| Damnum emergens | E | 408 |
| Gholi tal-hajja | G | 242 |
| | | |
| Amount due | | 23513.796 |

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Fil-kaz in ezami ma hemmx eccezzjonijiet. It-talbiet jidhru gustifikati.

Ghal dawn il-motivi tiddikjara lill-intimat bhala unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, f'liema sfat midruba r-rikorrenti u dan minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sewqan da parti ta' l-intimat u tad-danni sofferti mir-rikorrenti bhala konsegwenza ta' l-istess.

Tillikwida l-istess danni fl-ammont ta' €23,105.79.

Tikkundanna lill-intimat ihallas dawn id-danni kif likwidati (€23,105.79) lir-rikorrenti.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------